# RETTIFIKA

## Rettifika tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/302 tal-15 ta' Frar 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għat-trobbija intensiva tat-tjur jew tal-ħnieżer

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 43 tal-21 ta' Frar 2017)*

Fil-paġna 257, il-punt 2.1. L-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-alloġġi għall-ħnieżer,

*minflok:*

| | | |
|---|---|---|
| "10. Imqawel bil-mifrex b'ġenerazzjoni tad-demel kombinata (demel likwidu u demel solidu). | Ħnieżer nisa li jwelldu | Mhux applikabbli għal impjanti eżistenti mingħajr pavimenti solidi tal-konkrit." |
| 11. Kabini għall-għalf/għall-mistrieħ li jinsabu fuq paviment solidu (fil-każ ta' mqawel ibbażati fuq il-mifrex). | Ħnieżer nisa għat- tgħammir u tqal | |

*aqra:*

| | | |
|---|---|---|
| "10. Imqawel bil-mifrex b'ġenerazzjoni tad-demel kombinata (demel likwidu u demel solidu). | Ħnieżer nisa li jwelldu | Jista' ma jkunx ġeneralment applikabbli għal impjanti eżistenti minħabba kunsiderazzjonijiet tekniċi u/jew ekonomiċi. |
| 11. Kabini għall-għalf/għall-mistrieħ li jinsabu fuq paviment solidu (fil-każ ta' mqawel ibbażati fuq il-mifrex). | Ħnieżer nisa għat- tgħammir u tqal | Mhux applikabbli għal impjanti eżistenti mingħajr pavimenti solidi tal-konkrit.". |

Fil-paġna 277, il-punt 4.13.1. Tekniki għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-alloġġi għat-tiġieġ tal-bajd, għat-tiġieġ tas-simna għat-tnissil jew għall-għawwietaq,

*minflok:*

| | |
|---|---|
| "It-tneħħija tad-demel biċ-ċinturini (fil-każ ta' sistemi ta' gaġeġ imsaħħa u mhux imsaħħa) b'mill inqas:<br>— tneħħija waħda kull ġimgħa bit-tnixxif bl-arja; jew<br>— żewġ tneħħijiet kull ġimgħa mingħajr it-tnixxif bl-arja. | Iċ-ċinturini jitqiegħdu taħt il-gaġeġ għat-tneħħija tad-demel. Il-frekwenza tat- tneħħija tista' tkun darba fil-ġimgħa (bit-tnixxif bl-arja) jew aktar (mingħajr it- tnixxif bl-arja). Iċ-ċinturin tal-ġbir jista' jkun bil-ventilazzjoni għat-tnixxif tad- demel. It-tnixxif bl-arja 'whisk-forced' fiċ-ċinturin tad-demel jista' jintuża wkoll." |

*aqra:*

| "Teknika | Deskrizzjoni |
|---|---|
| It-tneħħija tad-demel biċ-ċinturini (fil-każ ta' sistemi ta' gaġeġ imsaħħa u mhux imsaħħa) b'mill inqas:<br>— tneħħija waħda kull ġimgħa bit-tnixxif bl-arja; jew<br>— żewġ tneħħijiet kull ġimgħa mingħajr it-tnixxif bl-arja. | Iċ-ċinturini jitqiegħdu taħt il-gaġeġ għat-tneħħija tad-demel. Il-frekwenza tat- tneħħija tista' tkun darba fil-ġimgħa (bit-tnixxif bl-arja) jew aktar (mingħajr it- tnixxif bl-arja). Iċ-ċinturin tal-ġbir jista' jkun bil-ventilazzjoni għat-tnixxif tad- demel. It-tnixxif bl-arja 'whisk-forced' fiċ-ċinturin tad-demel jista' jintuża wkoll.". |